

Brussell, 4 ta' Mejju 2022
(OR. en)

8160/22

CFSP/PESC 499
CIVCOM 60
COPS 161
COWEB 31
CSDP/PSDC 203
RELEX 479
JAI 486
EU-LEX1
PSC DEC 12
EUMC 124

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo* (EULEX KOSOVO) (EULEX KOSOVO/1/2022)

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ
(PESK) 2022/...**

ta' ...

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea
għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo*
(EULEX KOSOVO) (EULEX KOSOVO/1/2022)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

¹ ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 12(2) tal-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO), inkluż id-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap tal-Missjoni.
- (2) Fit-28 ta' Novembru 2019, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1991¹ li taħtar lis-Sur Lars-Gunnar WIGEMARK bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EULEX KOSOVO għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2019 sal-14 ta' Ġunju 2020.
- (3) Fit-3 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/904², li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK u testendi l-mandat ta' EULEX KOSOVO sal-14 ta' Ġunju 2023.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) tat-28 ta' Novembru 2019 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX Kosovo) (EULEX Kosovo/2/2019) (ĠU L 308, 29.11.2019, p. 105)

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/904 tat-3 ta' Ġunju 2021 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) (ĠU L 197, 4.6.2021, p. 114).

- (4) Fl-10 ta' Ġunju 2021, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/959¹ li estendiet il-mandat tas-Sur Lars-Gunnar WIGEMARK bħala Kap tal-Missjoni ta' EULEX KOSOVO sal-14 ta' Ġunju 2022.
- (5) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Lars-Gunnar WIGEMARK bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EULEX KOSOVO għall-perijodu mill-15 ta' Ġunju 2022 sal-14 ta' Ġunju 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/959 tal-10 ta' Ġunju 2021 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) (EULEX KOSOVO/1/2021) (ĠU L 212, 15.6.2021, p. 1).

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Lars-Gunnar WIGEMARK bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) huwa b'dan estiż għall-perijodu mill-15 ta' Ġunju 2022 sal-14 ta' Ġunju 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-15 ta' Ġunju 2022.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
